**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 628/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 1211/1983)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrent li permezz tiegħu jppremetta:

1. Illi l-partijiet zzewgu f'Malta nhar it-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) gewwa Balluta, San Giljan (certifikat taz-zwieg bin-numru 70583 hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt ibniet, D, li twieldet fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgha u tmenin (1984) u E, li twieldet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986), u li ghalekk illum huma maggorenni;

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datat l-ghoxrin (20) ta' Lulju elf disa' mija tmienja u disghin (1998), u l-firda taghhom ghalhekk giet regolata b'dan il-kuntratt (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B);

4. Illi l-partijiet ilhom ma jirrisjedu flimkien bhala mizzewgin ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena;

5. Ili A B kienet iddekadiet ghad-dritt illi tircievi manteniment minghand zewgha u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness, filwaqt illi l-ulied llum ghandhom sebgha u tletin (37) sena u hamsa u tletin (35) sena rispettivament;

6. Illi ma jissussisti l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

7. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti u jista jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Previa kull notifika u/jew procedura ulterjuri rikjesta skond il-Ligi, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, liema zwieg sehh nhar it-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (1983);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta’ Jannar 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li m’ghandhiex oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur u li talbet sabiex tkun tista’ tirriverti għall-kunjom xbubitha u cioe` “Fonde”, il-qorti tilqa` din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jieħu l-provvedimenti kollha f’dan ir-rigward;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta’ Lulju, 1998;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.